XEWKIJA

**MINUTI**
**KUNSILL LOKALI IX-XEWKIJA**
**IS-SEBA' KUNSILL - LAQGĦA B'URGENZA NUMRU 14**
**19 ta' Frar 2014 fl-6:00p.m.**

Il-Membri tal-Kunsill Lokali tax-Xewkija ltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill u l-laqgħa bdiet fl-6:00 p.m.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Sur Paul Azzopardi | Sindku |
| Sinjura Dr. Monica Vella | Vici-Sindku |
| Sinjura Jeanelle Attard | Kunsilliera |
| Sur Domenic Zerafa | Kunsillier |
| Sur George Zammit | Kunsillier |

**Uffiċjali:**

| | |
|---|---|
| Sinjura Sue-Ellen Bugeja | Segretarju Eżekuttiv |

Intqgħalet it-Talba

1. **Approvazzjoni tal-Minuti**

   Il-Minuti tal-Laqgħa Numru 12 u 13 ma kienux lesti u għalhekk ma gew approvati.

2. **Financial Statements 2014**

   Is-Segretarja qasmet kopja tal-Financial Statements 2014 lil kull kunsillier prezenti. Dr. Monica Vella gibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li ma tistax tapprova l-Financial Statements peress li trid iz-zmien biex tkun tista tappruvahom. Is-Segretarja offriet li tingħata estenzjoni ta' gurnata oħra sabiex il-Kunsilliera ikunu f'pozizzjoni li jivverifikawhom peress li d-data tal-għeluq li jridu jigu prezentati kienet 21 ta' Frar. Il-Vici Sindku opinit għal fatt li kellha impenji oħra x'tagħmel sa għada u għalhekk ma kienetx f'pozizzjoni li tagħti l-kummenti tagħha. Is-Segretarja staqsiet lil kull kunsillier prezenti jekk jaqblux li l-Financial statements jigu approvati fejn irrizulta li l-kunsilliera approvaw il-Financial Statements minbarra l-Vici Sindku Dr Monica Vella. Is-Sindku taghlab lis-Segretarja tgħid lil acountant tal-Kunsill tkun prezenti għal-laqgħa li jmiss biex tispjega l-Financial Statements fid-dettal.

## 3. Affarijiet Oħra

i. Ittra mingħand ir-Regjun Għawdex rigward li s-Sindku tax-Xewkija gie nnominat mill-Kumitat Regjonali għal Ghawdex sabiex ikun parti minn delegazzjoni f'vizta ufficjali gewwa l-Emilia Romagna bejn is-16 u 19 ta' Marzu. Fil-laqgħa tar-regjun gie maqbul li l-ispejjez t'akkomodazzjoni u titjira għandhom jigu koperti mill-kunsill Lokali. Dr Monica Vella tghalbet aktar detalji fuq il-program. Is-Segretarja għandha tagħmel kuntatt mas-Segretarju tar-Regjun.

*ii.* Dr Monica gibdet l-attenzjoni li hi kienet staqsiet fil-laqgħat ta' qabel sa fejn ser issir il-kisi tat-Triq Jean de la Vallette. Is-Sindku qal li kien hemm mistoqsija mingħand Jeanelle Attard hux sa fejn tan-Nut. Hu kompla jgħid li fil-laqgħat ta' qabel semma li sa fejn l-arblu tal-Go peress li din tagħmel ma l-area tax-Xewkija u mhux mal-MIP. Is-Sindku qal li hu kien staqsa lil perit inkarigat minn dan ix-xogħol u dik l-informazzjoni li kien għaddielu li sa fejn l-arblu tal-Go taqa' taht il-Kunsill u mhux mal-MIP. Dr Monica Vella qalet li kellha diversi laqgħat mal-MIP Malta fejn kien gie diskuss li ser isir minn naha tagħhom din il-parti. Is-Sindku taghlabha biex jekk dan il-kaz igibu bil-miktub għax hu mhux infurmat b'dan u hadd ma infurmalhu xejn. Dr Monica Vella qalet li l-Perit u l-Kuntrattur inkarigat fuq dan ix-xoghol kien jaf b'dan. Il-Vici Sindku kompliet tgħid li fl-1 ta' April fl-ewwel laqgħa li saret tal-Kunsill il-gdid tkellmet mas-Sindku u stenniet li s-Sindku issejhilha għal *handover*. Is-Sindku qal li f'dak il-Kaz hi messha sejhitlu biex tagħti l-*handover* u mhux hu issejhilha. Hu kompla jgħid li qatt ma kien ha *handover* mingħandha bhal ma kienet obbligata tagħmel u fl-1 ta' April ma gie diskuss xejn. Il-Kunsill Domenic Zerafa qal li dik il-parti mhux zona industrijali. Is-Sindku rega taghlab lil Vici-Sindku biex jekk hemm ftehim bil-miktub jersaq fuq il-mejda tal-kunsill. Hu kompla jgħid ukoll biex nergghu naraw taht min taqa din il-parti sa fejn l-arblu tal-Go. Il-Vici Sindku qalet li bhala stat ta' zona tal-MIP. Is-Sindku qal li f'din l-imsemmija parti hemm il-ground tal-football fejn jintuza minn nursery u huwa iffrenkwentat ħafna. Is-Sindku qal li jekk ma tawx bil-miktub m'hemm xejn. Is-Sindku informa li ser jitlob il-Perit inkarigat mix-xogħol jigi fil-laqgħa li jmiss.

*iii.* Dr. Monica Vella staqsiet jekk Triq il-Mitħna ser tigi mhallsa mill-Ministeru għal Għawdex. Is-Sindku qal li kienet ser tithallas mill-Kunsill kif kien committed fil-Kunsill ta' qabel izda issa wara ezercizzju ta' djalogu mal-Ministeru għal Għawdex sar qbil li ser iħallsu il-kisi tat-tarmak u dan kif jidher fil-gazzetta tal-gvern fejn inħargu t-tenders ghal-kisi mill-Ministeru għal Għawdex fid-29 Novembru 2013. Hu kompla jgħid li dawn il-flus kollha gew iffrankati mil-fondi tal-Kunsill.

*iv.* Dr Monica Vella staqsiet hemmx xi kontijiet oħra. Is-Sindku qal li l-kontijiet qed jgħaddu min laqgħa għal oħra dejjem u jekk għandha xi oggezjoni fuq xi haga tgħid fil-laqgha x'inhi għal ragunijiet ta'

XEWKIJA

klarifikazzjoni. Hu kompla jgħid li jekk għandha xi ħaga trid tissustanzjaha u tgħid x'inhi.

**4. <u>Tmiem il-Laqgħa</u>**

Il-Laqgħa spiccat fid-8:30 p.m.

| | |
|---|---|
| Sue-Ellen Bugeja | Paul Azzopardi |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |